# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# TNAX -IL XAHAR TA' ĦIDMA
# Jannar sa Diċembru 2023

***Introduzzjoni***

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu ta' leġiżlatura ġdida li bdiet fis-seħħ minn Jannar sa Diċembru tas-sena 2023.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabilitajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku Mario Calleja:** | Finanzi u Sigurta`, proġetti kapitali u membru tal-bord tar-rivista.<br><br>Ambjent - ( Indafa ) – Kollezzjoni tal-iskart domestiku w goff, knies u BIS<br><br>Komunitajiet tan-negozji flimkien ma` Entitajiet oħra inkluż il-Kleru.<br><br>Tqassim ta` xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill<br><br>Douzelage Town Twinning Organisation, Progetti u Fundazzjoni GAL Xlokk. |
| **Il-Viċi Sindku Janice Falzon:** | Ambjent, Ambjent fejn jidħol Riserva tal-Magħluq.<br><br>Transport Pubbliku inkluż Bus Shelters.<br><br>Ħarsien tal-annimali.<br><br>Sports u attivitajiet fiżiċi.<br><br>Bord editorjali tar-rivista. |
| **Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri:** | Binja Amministrattiva.<br><br>Enereġija, Ambjent Marittimu fejn jidħlu gaġeġġ tal-hut u kull tniġġiz tal-ibħra tal-madwar<br><br>Integrazzjoni Socjali u membru tal-Bord tar-rivista, komunitajiet. |
| **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud:** | Edukazzjoni Primarja u rappreżentant tal-edukazzjoni fid Douzelage.<br><br>Anzjani<br><br>Indafa u tiżbieħ tal-ġonna u *promenade* |

| | |
|---|---|
| | Rappreżentant tal-Kunsill fil-Wasteserv u l-Impjant ta` Sant` Antnin |
| | Rappreżentant tal-Kunsill fill-Kumitat tar-Reġjun Nofsinhar. |
| **IL-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri:** | Holqien ta` *Website* ġdida tal-Kunsill flimkien ma *facebook*. |
| | Edukazzjoni Sekondarja li tinvolvi laqgħat maż-żewġ kapijiet tal-iskejjel tagħna flimkien ma` Charlot Mifsud għall-edukazzjoni aħjar fil-lokal tagħna. |
| | Innovazzjoni |
| **Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud:** | Kultura, attivitajiet soċjali inkluż din tal-preparazzjoni għall-Jum Marsaskala. |
| | Persuni b`diżabilita` kif ukoll Ugwaljanza. |
| **Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli:** | Żgħażagħ u tfal. |
| | Proġetti tad-Douzelage. Applikazzjonijiet u rapport finali. |
| | Tħejjijja għall-laqgħa Ġenerali Annwali f`Marsaskala fl-2022. |
| **Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar:** | Qasam Soċjali |
| | Infittxu residenti li ma jgħixux diċenti. Nippruvaw naslu kemm mal-knisja kif ukoll mal-Awtoritajiet Ċivili. |
| | Sanita`. Infittxu garaxxijiet li jabitaw nies fihom mingħajr faċilitajiet sanitarji. |
| | Wirt Storiku. |
| **Il-Kunsillier il-Perit John Schembri:** | Infrastruttura tat-toroq. |
| | Disinji fuq proġetti proposti. |
| | Nidentifikaw għamara fit-toroq tagħna li jkollha bżonn manutenzjoni jew tinbidel. Hemm bżonn isir inventarju ta` kull biċċa għamara li għandna fit-toroq tagħna. |

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena, r-Rapport Amminitrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax il-xhar, minn Jannar sa Diċembru tas-sena kurrenti.

Dawn l-aħħar tnax il-xhar tas-sena 2023 kienu bla dubju bla waqfien, li matulhom, il-Kunsill iltaqa` tnax il-darba sabiex jiddiskuti tnax il-aġenda differenti.

Matul is-sena 2023 saru żewġ laqghat tal-lokalita` fis-27 ta' Lulju 2023 u fit-23 ta' Novembru 2023.

L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħa tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti b'Apoloġiji | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku s-Sur Mario Calleja | 12 | 12/12 | 0/12 | 0/12 |
| Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon | 12 | 9/12 | 2/12 | 1/12 |
| Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri | 12 | 11/12 | 1/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar | 12 | 11/12 | 1/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri | 12 | 10/12 | 2/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud | 12 | 12/12 | 0/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud | 12 | 10/12 | 2/12 | 0/12 |
| Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli | 12 | 9/12 | 2/12 | 1/12 |
| Il-Kunsillier il-Perit John Schembri | 12 | 11/12 | 1/12 | 0/12 |

Matul dan il-perjodu kienu preżentati tletin il-mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill kellu allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €1,065,550

**<u>Sejħiet għall-offerti li nħarġu fis-sena 2023:</u>**

| | |
|---|---|
| KLM2023/01 | Tender for the replacement of rubber flooring with EPDM Is Situ flooring system using environmentally friendly materials and practices at Gnien Antoine Randich Marsaskala |
| KLM2023/02 | Maintenance and construction of pavement boundary walls and other ancillary works. |
| KLM2023/03 | Collection of bulk refuse and wee from the locality of Marsaskala using low emission transport |
| KLM2023/04 | Service tender for the professional services of an Architect to the Marsaskala Local Council |
| KLM2023/05 | Service tender for the accountant and accountant technician to the Marsaskala Local Council |
| KLM2023/06 | Tender for the provision and maintenance of traffic signs and road marking with maximized lifespan while minimizing associated environmental impacts for the Marsaskala Local Council |
| KLM2023/07 | Services of an Accountant to the Marsaskala Local Council |

**Rapport ta' Ħidma mis-Sindku s-Sur Mario Calleja**

Ma nistax ma nibdix dan ir-rapport u ma` nirringrazzjax lil sħahbi msemmija aktar il-fuq, s- Segretarju Eżekuttiv, u l-ħaddiema amministrattivi kollha kif ukoll dawk tal-komunita` mislufa lilna mill-Job plus. Il-ħimda tagħna hija waħda kuraġġuza u kieku ma` naħdmux katina żgur illi dan ix-xogħol ma` jkunx suċċess. Nifhem li qatt ma hu biżżejjed u xorta issib min jagħmel bsaten fir-roti u jfixkel. Iżda kif dejjem ngħidu l-ħajja trid tkompli.

**Finanzi tal-Kunsill:**

B`wicci minn quddiem ngħid illi l-finanzi tagħna huma b`saħħithom ħafna u dan wara li anke lestejna il-binja amministrattiva li ġiet tiswa mal-Miljun u 800 elf Ewro. Binja li saret b`għaqal kbir u llum nafu kemm ir-residenti tagħna apprezzaw. Mal-binja irnexxilna wkoll u dan wara ftehim mal-Ministeru tas-saħħa ninkorporaw il-***Primary Health care.*** Din ukoll qed tagħti servizz enormi r-residenti tagħna. Il-finanzi huma responsabilta` tiegħi personali flimkien ma` dik tas-Segretarju Eżekuttiv, allura ta` kuljum flimkien niddiskutu d-dħul u l-ħruġ tal-fondi pubbliċi. Apparti l-allokazzjoni tal-Gvern Cenrtali aħna dejjem infittxu proġetti b`għajnuna finanzjara min-naħa tal-Ewropa, kif ukoll dawk tal-fondazzjoni GAL Xlokk, Lesa u Gvern Lokali speċjalment fejn tidħol il-Kultura. Saru diversi proġetti ma` muniċipalitajiet minn kull membru stat fl-Ewropa. *Douzelage Town twinning Organisation* hija waħda milli tibgħat student fil-lokal tagħna minn flus Ewropej li jgawdu minnhom lukandi fejn tidhol akkomodazzjoni u anke żjarat fi stabbilimenti ta` ikel u xorb.

Naħseb kulħadd induna bit-tisbieħ li sar fi gnien Sant Anna qabel wiehed jidħol il-binja tal-Kunsill. Dan sar minn fondi tal-GAL Xlokk kif ukoll b` għajnuna minn *Project Green* fejn tkompla l-*fencing* tal-injam kollu.

**Wirt Storiku:**

Hawn ukoll il-Kunsill qiegħed jagħmel minn kollox biex jekk jista jkun nibżgħu u nipprezervaw dak il-wirt storiku li għandna fil-Lokal tagħna. Sar ħafna restawr fuq diversi niċeċ u anke fuq faċċata tal-knisja żgħira fi Triq la Sengle. Dan grazzi tal-għajnuna enormi fejn jidħlu fondi li nirċievu min-naħa tal-Ministeru tal-Wirt Storiku, Arti u Gvern Lokali.

**Attivitajiet Socjali:**

Isiru diversi attivijiet soċjali. Hawn wieħed ibierek is-simenta ta` quddiem il-knisja li bi ftehim mal-għaqda baħħara w sajjieda li jneħħu l-karrijiet u biċċiet tal-baħar mil-15 ta Ġunju sal-15 ta` Settembru ta` kull sena biex b`hekk tkun tista tintuża għall-diversi attivitajiet. L-qħaqdiet volontarji kollha inkluż il-Kleru flimkien magħna tista tgħid illi fis-sajf din is-siment ma tieħux nifs. Dan l-aħħar apparti l-banda tal-Puliizja għamilna użu minnha fil-Karnival, talb ecc. Flimkien mal-għaqdiet u l-Knisja jsiru attivitajiet relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa kif ukoll mal-Milied. Din is-sena sar ukoll il-Milied Skaliż fejn il-Kunsill għażel li jinvolvi għaqdiet u talent skaliż. Din is-sena ukoll ħajr l-istess Ministru u r-Regjun ta` nofsinhar li aħna nagħmlu parti minnu ser ninvestu f`għaxar pitturi fuq il-kanvas mill-artist bravu Mario Zammit Lewis li jissimbolizzaw il-Via Crucis. Dawn ser jiddendlu fi Gnien Sant Anna f` Hamis ix-Xirka.

**Silver T għall-anzjani tagħna**

Dan l-aħħar ukoll grazzi ghall-85% tal-fondi mill-Gvern Lokali xtrajna vettura vann biex jintuża għall-anzjani. Sar qbil mal-Ministeru tal-anzjanita attiva fejn sabu sewwieq għalih u b`hekk sar qbil billi nisilfuh lilhom biex jintuża fid-distrett kompost min-Marsaskala, Zejtun, Ghaxaq, M`xlokk u Rahal Gdid. Hekk daħal mal-flotta tas-Silver T.

**Forza tal-Ordni:**

Nista ngħid illi minkeja id-diversi ilmenti li ġieli jkolna min-naħa tal-pubbliku fuq nuqqas ta` Pulizija fl-għassa u forsi li jista jkun hawn forza tal-ordni aħjar nemmen il-Pulizija taghmel ix-xogħol tagħha kif tista. Dan l-aħħar ukoll kelna x-xorti li għaddewlna Surgent u erba kuntistablijiet bl-iskema tal-Pulizija tal-Komunita`.

Tajjeb ukoll li issa nfetħet l-Għassa l-ġdida. Minkeja xi ilmenti żgħar għax ġiet fit-tela in-nies kuntenti li hemm ghassa attrajenti. Kif nafu ser isir lift iżda kien hemm appell wara l-aggudikazzjoni u b`hekk ser terġa toħroġ sejħa għall-offerti.

**Indafa fit-toroq:**

Hawn ma nistax ngħid li kont kuntent u sodisfatt bl-indafa fit-toroq. Qatt ma stajna naqbdu art li` b erba kenniesa tnaddaf 150 triq fil-lokal. Ahbar tajba ħafna li wara li ltqajna mad-Divizjon tal-indafa u manutenzjoni wasalna biex ġejna mogħtija ***mechanical sweeper*** flimkien ma***' robot*** għal fuq il-promenade u l-ġnien b`investiment ta` €120,000 kif ukoll ***mechanical sweeper*** oħra fit-toroq distributorji w dawk residenzjali. Fil-fatt dawn ingħataw lilna uffiċjalment ħmistax ilu mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Glenn Bedinfield u d-Direttur Generali tal-Manutenzjoni u Tindif is-Sur Ramon Deguara.

**Energija:**

Hawn nista ngħid jsir minn kollox biex ir-residenti jkunu moqdijjin. Ħafna drabi nkunu irridu minn naha tal-Enemalta. Ġieli jkun hemm ftit tkaxkir tas-saqajn iżda l-maġġoranza ninqdew, Ikun hemm okkażżjonijiet fejn residenti jippuntaw subgħajhom lejna u nippruvaw nispjegaw kemm nistgħu. Nistgħa ngħid wkoll li kkoperajna mal-Ministeri tat TM u Ambjent biex ġew installati mal-għaxar ***Charging Pillars*** mar-raħal kollu ghall-dawk li għandhom vetturi li jahdmu b` enerġija nadifa.

**Latrini Pubblici:**

Hawn ukoll nista ngħid li ma konniex u fil-fatt inħarġet *tender* ohra u qed nistennew li tiġi aġġudikata. Fil-fra temp hemm xi ġadd temporanju li qed jaghti servizz aħjar.

**Stabbilimenti ta` ikel u xorb u negozji ohra:**

Fejn jidħlu stabbilimenti ta` ikel u xorb wieħed ma` naħsibx li hemm għalfejn jilmenta. Min-naħa tagħna ngħinu fejn nistgħu biex jekk jista jkun ma ntelfux in-negozju. Bl-kelma t-tajba dejjem wasalna. Dejjem xtaqna koperazzjoni biex innaqqsu inkonvinjent lill-pubbliku nġenerali. L-aktar ilmenti huma dawk ta` numru żejda ta` mwejjed u siġġijiet mhux skond il-permessi fejn persuna ma jistax jgħaddi b`siġġu tar-roti jew b`xi pram u ipparkjar doppju hdejn it-*take aways*.

**Live Streaming:**

Kull laqgħa tal-Kunsill tiġi *live streamed* u dan biex min ikun irid isegwi minn ġewwa daru jkun jista jagħmel dan mingħajr xkiel ta` xejn. Nemmen ħafna bit-trasparenza u b`hekk il-Kunsill jemmen li dan is-servizz jibqa jingħata. Nista ngħid li ħafna laqgħat dan l-aħħar saru online u dan minhabba xi problem tekniċi.

**Kleru:**

Nistgħu ngħidu li l-Kunsill għandu rapport tajbin hafna mal-Kappillan Fr Luke Cutajar u l-Vici tieghu Fr. Clive Seychel. Dejjem konna u nibqgħu viċin xulxin .

**Infrastruttura ta` toroq godda:**

Il-Kunsill kellu diversi laqgha mal-Infrastructure Malta biex isiru li toroq ġewwa Marsaskala. Nistgħu ngħidu li ħafna toroq għandhom bżonn manutenzjoni serja. Minkeja li sar ftehim biex isiru 11 il-Triq f`temp ta` sentejn bdiet triq waħda biss u għadhom għaddejjin fuqha sallum. Inholqu diversi problem bejn WSC u IM b`konsigwenza li jbati ir-resident. Min jeħel?? Il-Kunsill. Nammettu li ħafna gandotti fit-toroq isiru kollha minn naħa tad WSC peress li meta tissewwa ħsara ma` jsir reinstatement ta` tarmac sewwa.

**Infrastruttura Marittima:**

Hawn nista ngħid li ninsabu kuntenti billi sar xogħol ta` mollijiet ġodda fi Triq San Gorg. Dawn kienu ta` periklu mmens. Saru wkoll mollijiet ġodda n-naħa ta` San Tumas. Hekk sajjieda u dilettanti jinsabu kuntenti għad fadal xi ħoloq u bankijiet xi jsiru San Gorg

**Spazji Pubblici**

Hawn nistgħu ngħidu li fejn jidhlu spazji pubblici mxejna ħafna. Nsemmu żewġ progetti kapitali minn naħa tal-Gvern Centrali li żgur ser jagħtu nifs ġdid ir-raħalna. Qed nirreferi Park Nazzjonali tal-Inwadar u transformazzjoni tal-Family Park flok l-impjant ta` Sant` Antnin. Hemm propost ta` l`fuq minn 350 parkegg kif ukoll ***Park and ride.***

Park tal-familja f`San Tumas li kien sar madwar 9 snin ilhu issa wasal iz-zmien li jerġa jieħu dehra ġdida. Nifmu li l-elementi tan-natura ma` jiġġildilhom ħadd u l-apparat kollu li kien twaħħal issa spiċċa. Fil-fatt beda xogħol biex jiġi eliminat l-apparat kollu li hemm u floku jsir wieħed ġdid b`materjal aħjar u li jiflaħ aktar għall-elementi tan natura. Sapazju minnu ser isir mill-fondi mogħtija lilna mill-Lesa u l-bqija min-naħa tal-fondi tagħna.

Aħbar tajba wkoll hija li kumpanija partikulari lesta tinvesti fi ġnien David Vella b`apparat ferm isbaħ li jixbah l-dak li hemm l-Qawra fejn Aquarium. B`hekk l-apparat li hemm f`dan il-bandli jista liberament jintuża fl-ispazju li ser nirranġaw min-naħa tagħna.

Wara li s-sena l-oħra ingħatajna l- ***Beach of Quality*** fil-bajja tal-fajtata issa L-MTA u ***Tourism zones regeneration Agency*** u dan grazzi għall-Ministeru tat-Turiżmu jidher ser jinvestu sewwa fiż-żona ta` San Tumas u dan minn fejn il-parkegg tal-Fajtata sa quddiem ir-ristorant Zion. Ser tinbidel l-għamara bħal bankijiet u bins kif ukoll ser jingħata dehra ġdida l-ġnien innifsu. Ser jinbidel ukoll il-ħadid li jaghti għall-fuq il-bajja. Dan l-aħħar iltqajt mad-diriġenti kkonċernati u tkellimna kif ser jiġi kordinat ix-xogħol biex jekk jista jkun jitlesta qabel jidħol is-sajf.

Grazzi għal-proġett ieħor li ħadmet fuqu id-Deputat Sindku inġabu fondi biex sar l-***irrigation system*** fil-ġnien u tħawlu wkoll diversi arbuxelli. Dan proġett minn naha tal-Ambjent Malta.

Biex nibqgħu fuq ir-Ramla ta` San Tumas is-sena l-oħra saret tindifa papali u dan grazzi tal-għajnuna min-naħa tad-Diviżjoni tal-Manutenzjoni u tindif taħt id-direzzjoni tad-Direttur Ġenerali Ramon Deguara fejn tneħħew madwar 15 il-trakk ta` biċċiet tal-baħar imkissrin u skart goff ieħor. Din is-sena appik li flimkien mal-Pulizija tal-Komunita` issir l-istess eżerċizzi fejn jitwaħħlu avviżi ma` dgħajjes mitluqa u jsir tindif.

**Kollettur tal-iskart, Skart goff u Bis**

Kif jaf kullħadd mis-sena li għaddiet is-sistema tal-ġbir tal-iskart inbidlet u Tender ma` baqax f` idejn il-Kunsill iżda ġiet Reġonali. Kienet sfida iżda bla tlaqliq ngħid li Marsaskala minkejja mhux kollox ward u żgħar imxejna ħafna. Għamilna kampanji u waħħalna notifiċi u ħdimna ħafna mal-LESA u ERA fejn għinhuna ħafna fejn jidħol infurzar.

Bħala skart goff għandna servizz mit-tnejn sas-Sibt li huwa mfaħħar ħafna u bħala BIS irnexxew ukoll kemm ilna li għamilna l-Cameras.

**Nuqqas ta`Parkeggi .**

Kif jaf kullħadd nafu illi l-progress iġib rigress. Nifhmu kif inbidel il-Lokal tagħna ta` Marsaskala f'dawn l-aħħar snin. Popolazzjoni tgħodd kważi 17,000. Blokok tal-bini kullimkien flok sempliċiment terran fejn kienu jabitaw l-antenati tagħna. Dan wassalna biex aktar appartamenti, aktar abitanti u anqas parkeġġi. Problema li mhux faċli tissolva.

Hawn tajjeb ngħidu li wasalna wkoll mal-Ministeru tal-Edukazzjoni biex meta l-iskola ma tkux qed tiffunzjona r-residenti jistgħu jagħmlu użu mill-parkeġġ. Hawn gwadanjajna madwar 33 parkeġġ bil-lejl, *weekends* u festi pubblici.

Iżda jidher li l-PA talbet xi pjanti ġodda. Peress li xi ħaġa privata ma tantx nistgħu nimbuttaw minn naħa tagħna. Hija xewqa ta` ħafna li tfittex taqa ħalli timbena lukanda oħra mill-ġdid.

**Transport Pubbliku:**

Kelna diversi laqgħa it-TM Lija rigward titjib fit-transport publiku speċjalment n-naħa taż-Żonqor fejn mhux okkażżjoni waħda l-bus timmissija xi vjaġġ u tħalli nies l-art. Wasalna li fil-futur qrib isir hub biex b`hekk tinħoloq ***circulation bus*** li tkun tista tiġbor nies minn Bella Vista u Zonqor u twassalhom fejn it-*terminus* biex b'hekk wara jaqbdu l-karozza tal-linja għall-Belt. Ix-xewqa tagħna kienet ukoll li jinħoloq transport bil-baħar minn Marsaskala għal-Belt. Hekk jiġi evitat ħafna emissjonijiet minn Zabbar, Fgura u Rahal gdid.

**Sleeping Policemen Daħla ta` San Tumas:**

Minħabba sewqan eċċessiv u anke intlaqtet persuna li kienet iminenti li titlef ħajjitha kelna bil-fors nagħmlu *traffic calmer*. Din saret biex wieħed jevita nċidenti simili. Nifmu li jkun hawn xi ftit tgergir minn sidien ta' dgħajjes iżda ma nistgħux nikkuntentaw il-kullħadd.

## Rapport ta' Ħidma mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon

### A. L-ambjent u l-Magħluq

1. Il-Magħluq kompla jiġi ndukrat min-Nature Trust u l-Kunsill Lokali assista b'diversi metodi, fosthom f'xogħlijiet sabiex titjieb l-aċċessibilità tal-post u ż-żona tal-madwar. L-interventi ta' Nature Trust qed jikkontribwixxu sabiex il-Magħluq jinżamm nadif, jitneħħew speċi aljeni u ma jkunx hemm ilma qiegħed u l-irwejjaħ li jġib miegħu. Tħawlu aktar siġar fil-Magħluq u l-pubbliku kompla jiġi infurmat fuq il-proġett dwar it-tkabbir tal-bużaqq.

2. Wara diskussjonijiet ma' Ambjent Malta, bdew jiġu installati *water mainlines* u *water faucets* fi Ġnien San Tumas. Din is-sistema tal-irrigazzjoni ġdida ser tassigura li jkun hemm provista kontinwa ta' ilma s-sena kollha u allura dan il-ġnien jinżamm fi stat tajjeb is-sena kollha. Il-pjan huwa li f'din il-parti tar-raħal jkunu jistgħu jitħawlu numru konsiderevoli ta' arbuxelli u siġar. Ser jintgħażlu siġar u pjanti li huma addattati għall-post minħabba l-elementi tal-baħar u r-riħ.

**B. Trasport**

3. Komplejt bl-interventi tiegħi fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali sabiex isir *survey report* mill-perit tal-Kunsill Lokali bil-għan li jibda jitfassal pjan ħolistiku ta' *traffic management* fiż-żona ta' Bellavista. Il-ħidma fuq din l-inizjattiva ser tkompli fl-2024 bil-għan li tittaffa l-konġestjoni fit-toroq ta' din il-parti tar-raħal.

4. F'Awwissu 2023 ressaqt mozzjoni sabiex il-junction li hemm f'salib it-toroq ma' Triq il-Vjola, Triq il-Gardiel u Triq id-Daħla ta' San Tumas tinbidel f'roundabout li tipprovdi aktar sigurtà għan-nies u x-xufiera li jgħaddu minn dawn it-toroq. Il-junction mhux isservi l-iskop li nħolqot għalih, speċjalment wara l-ftuħ ta' Triq il-Vjola. Twaħħlu tabelli li juru li l-area hija accident black spot minħabba l-aċċidenti ta' traffiku li bdew iseħħu. It-tabelli jappellaw għal aktar attenzjoni mis-sewwieqa li jkunu għaddejin minn dawn it-toroq.

5. Proġett li ħdimt fuqu fl-2022 issarraf f'vann sabiex jintuża mill-komunità. Dan il-vann ingħata lill-Kunsill Lokali b'finanzjament mill-iskema Aċċessibilità u Mobilità tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-servizz ser ikunu qegħdin jagħtuh is-Silver T fi ħdan id-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u jinsab aċċessibbli għall-anzjani ta' 'l fuq minn 60 sena. Is-servizz hu estiż għall-banek, il-Knisja, il-Kunsill Lokali, l-ispiżeriji, ħwienet tal-merċa u l-eqreb ċentru tas-saħħa ġewwa Raħal Ġdid.

**Ċ. Ħarsien tal-annimali**

6. Il-Kunsill Lokali approva fond sabiex il-komunità tal-feeders tal-stray cats ikunu jistgħu jibbenefikaw minn vouchers għat-tiswija u servizzi veterinarji għall-qtates li jindokraw. Din l-għajnuna qed tassigura (i) ħarsien xieraq tal-annimali li ma għandhomx saqaf fuq rashom, u (ii) kontroll tal-popolazzjoni tal-qtates fit-toroq ta' Marsaskala.

7. Wara pressjoni li bdiet fl-2019 u konsultazzjoni li saret mal-Kunsill Lokali, ġiet imnedija *dog friendly beach* oħra f'Marsaskala, din id-darba ġewwa l-Bajja ta' San Tumas.

8. Fl-2023 il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala rebaħ il-premju tal-aħjar kunsill lokali fejn jidħol il-ħarsien tal-annimali fl-Animal Honours Awards li jorganizza l-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kull sena.

**D. Sport**

9. Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala baqa' jalloka ammont ta' fondi u għajnuna oħra lill-għaqdiet sportivi tal-lokalità, fosthom Marsaskala FC, Marsaskala Aquatics, Marsaskala Heat Hockey Club u Marsaskala Fustal, fost oħrajn.

**E. Attivitajiet**

10. Għal sena oħra erġajt ħadt ħsieb l-applikazzjoni għal fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jerġa' jittella' Milied Skaliż fil-perjodu tal-Milied. Din l-applikazzjoni ntlaqgħet u l-Kunsill Lokali bbenefika minn €12,000 għal dan l-avveniment. Sfortunatament din kienet l-ewwel sena li ma ġejtx involuta fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita.

**F. Oħrajn**

11. Għal sena oħra ġie estiż is-servizz b'xejn tat-tindif tal-kompjuters u *laptops*, tneħħija ta' *viruses*, installazzjoni ta' *anti-virus*, *formats* u *backups* mingħand the Notebook Centre għar-residenti kollha ta' Marsaskala.

**Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri**

Fis-sena uffiċjali li waslet fit-tmiema, bħala membru tal-Kunsill Lokali f 'Marsaskala, komplejt insegwi mill-aħjar li stajt, il-ħidma tiegħi fl-edukazzjoni u l-innovazzjoni.

Fir-rigward ta' l-Edukazzjoni m' għadnix iċ-chairperson fl-iskola ta 'San Ġwakkin. Għalhekk b' differenza mis-snin ta 'qabel ma stajtx nikkontribwixxi direttament bl-ispeċjalizzazzjoni tiegħi għall-ġid tal-iskola u tal-istudenti konċernati, speċjalment fl-oqsma tat-trasformazzjoni diġitali li, kif espressa fl-aħħar strateġija edukattiva, hija prerogattiva importanti ħafna għall-avvanz ta' pajjiżna.

Fir-rigward tal-innovazzjoni dejjem żammejt għajnejja fuq il-bżonnijiet tal-lokal u kull meta kien hemm bżonn għaddejt il-kummenti tiegħi min-nies tal-lokal ta' Wied il-Għajn lill-Kunsill għad-diskussjoni u fejn kien possibbli, u plawsibbli, b'deċizjonijiet bejn il-kunsilliera, segwejt bl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet mixtieqa.

Bħall-kunsilliera l-oħra kollha tajt il-kontribut tieghi għall-bżonnijiet u l-ġid tan-nies tal-lokal. Jien ġibt il-quddiem id-diskussjoni biex insaħħu l-frekwenza u l-flessibbilta fit-trasport pubbliku. F' dan il-każ għamilt enfasi biex tiżdied il-frekwenza tat-trasport pubbliku fis-sigħat bikrin tal-ġurnata meta aktar ċittadini jagħmlu użu mit-trasport pubbliku għax-xogħol, għall-isptar u għall-universita. Ressaqt ukoll il-ħtieġa li jkun hemm karozzi tal-linja jew vannijiet iżgħar li jservu biex itejbu l-użu tat-trasport pubbliku billi jżidu l-ispazji ta' stennija għal dawn it-tip ta' vetturi, iġifieri karozzi tal-linja u minivans, f 'diversi lokalitajiet tar-rahal imdaqqas tagħna. Dan għamiltu speċjalment meta wieħed iqis, li d-distanzi tal-mixi minn żoni diversi mal-lokalita sal-venda u bustops ma tantx huma qosra.

Ressaqt ukoll il-kwistjoni dwar il-parkeġġ għall-iskuters elettriċi u l-positijiet għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (EVs). F 'dan il-każ nemmen li huwa imperattiv li wieħed jara kif:

a. Tinkiseb iżjed informazzjoni dwar l-ammont ta 'vetturi elettriċi li r-residenti f' Marsaskala diġa 'għandhom.

b. Sussegwentement, u jekk beħsiebna nimmodernizzaw u nsaħħu l-ambjent rajt u esprimejt il-bżonn li nintroduċu aktar punti tal-iċċarġjar tal-EV. Dan għamiltu biex inżidu aktar l-aċċessibblita u biex ikun iżjed faċli li jinstabu postijiet madwar Marsaskala kollha li jiffaċilitaw l-iċċarġjar ta' iktar karozzi elettriċi

ċ. Inċidentalment kont ukoll semmejt il-punt ta' kif ċerti EV charging spots ma kienux magħluqin b 'kaxxi ħodor imma jkunu miżbugħin bojod. Din sussegwement ġiet retifikata biex b'hekk innaqsu l-limitazzjonijiet ta' spazji fejn jista jsir charging u nżidu id-disponibilita kemm għar-residenti u viżitaturi tas-sidien ta' l-EV li jkunu jistgħu jinqdew mis-servizz aħjar

Dan l-aħħar ipproponejt li jitwaqqaf one way access fi Triq iż-Żafran biex jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti tat-traffiku fi triq daqshekk dejqa imma wkoll biex jitnaqqsu r-riskji ta' xenarji aktar serji meta l-karozzi li jkunu ħerġin mit-triq imsemmija jaqsmu żewġ karreġġjati prinċipali traffikużi tat-toroq. Għamilt enfasi wkoll fuq il-ħtieġa li jiġu riprogrammati t-traffic lights fi Triq Sant Antnin li jaqsmu Triq il-Ġemmugħa biex jiġi streamlined it-traffiku li joriġina jew jispiċċa fl-area ta 'Bellavista.

Jien ukoll tajt l-opinjoni tiegħi dwar is-sitwazzjoni tal-flora lokali li tassigura li ż-żabra ma ssirx kmieni fis-sena imma tagħti żmien biżżejjed u allura tassigura d-dakkir minn naħal lokali biex insaħħu il-kwalita tal-kampanja tagħna. Fejn u meta jkun hemm bżonn tajt ukoll attivament l-opinjoni tiegħi rigward it-tindif u l-manutenzjoni tat-toroq, kwestjonijiet ta' dwal tat-toroq, rimi u ġbir ta' żibel, u titjib ta' tabelli u dwal tal-parkeġġi. Attendejt ukoll għal-laqgħat tal-Pink October u attivitajiet relatati fi ħdan Marsaskala u sessjonijiet edukattivi. Attendejt ukoll kważi l-laqgħat tal-Kunsill lokali kollha.

Nikkonkludi li lkoll kemm aħna, l-kunsilliera tal-lokalita, is-Sindku u t-team kollhu amministrattiv għamilna ħafna xogħol importanti, kollhu għall-ġid tan-nies tal-lokal u għaż-żamma tal-kwalita tajba għal lokalita tagħna.

## Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud

Bħala parti mill-ħidma li nagħmel bħala Kunsillier fil-Kunsill ta` Marsaskala jiena responsabbli minn persuni ta` eta avvanzata, fejn nagħmel dak kollu li nista biex inkun ta` ġid għalihom. Bħala persuna li jiena wkoll anzjan nista nifhem il-ħtiġiet tagħhom. Nagħmel mezz li niltaqa magħhom fiċ-ċentru ta matul il-jum flimkien ma laqgħa ta` kull xahar mas Social Welfare Vince Tonna. Isiru laqgħat varji u fuq diversi suġġetti. Nara wkoll jekk ikunx hemm xi ħaġa li nista nressaq fil-Kunsill għall-benefiċju tagħhom.

Dan l-aħħar il-Kunsill irnexxielu jġib vann biex jintuża għall-anzjani tagħna. Dan għaddejnih il-Ministeru tal-Anzjana biex jingħaqad mal-flotta tas-Silver T. Anzjana jkollhom bżonn Klinika, xi xirja u anke biex iwassluhom iċ-Ċentru. Qed jaħdem tajjeb ħafna.

Ikolli laqgħat oħra fix-xahar kemm il-wasteserv fuq il-Bord tal-impjant biex dejjem naraw li ma jinħoloqx inkonvinjent għar-residenti u r-Reġjun ta` Nofsinhar kif ukoll nassisti s-Sindku fejn ikun hemm peress li jiena irtirat u nkun ħafna l-Kunsill.

Bħala kunsillier inkarigat mill-Edukazzjoni primarja, u bħala eks edukatur nara fejn jista l-Kunsill jgħin anke waqt jum iċ-ċelebrazzjoni billi jinxtraw xi kotba u jingħataw bħala rikonoxximent. Dan isir maż-żewġ skejjel primarji fil-lokal. Ninsab membru fil-bord tal-*parents teachers* ukoll.

Nieħu ħsieb ukoll il-ġonna u *soft area* waqt li nkun qed nagħmel passejn mar-raħal filgħodu. Nitkellem mal-ġardinar u nwassal xi lmenti u suġġerimenti l-*customer care* tagħna. Ma niddejjaqx ngħid li l-aħħar kuntrattur li kelna kien jonqos ħafna mid-dover tiegħu fejn ma` jkunx qed jimxi mat termini tal-kuntratt. Mhux darba u tnejn issuġġerejt biex jittieħdu passi u tinħareġ **default notice.** Dan il-kuntratt wasal biex jagħlaq u j`Alla min jiġi floku jibda fuq sieq tajba u dan għall-ġid tal-Kunsill u aktar ir-residenti.

**Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri**

Rapport dwar xogħolijiet konnessi min naħa tiegħi bħala kunsillier responsabbli min Enerġija nadifa u dwal ta' Toroq u ġonna publiċi kif ukoll integrazzjoni soċjali u ambjent Martitimu tull din is-sena.

Ix-xogħol ta' manutenzzjoni fejn jidħol dwal tat- toroq, ġonna publiċi u ix- xatt mill-Ponta ta' Żonqor sal-Bajja ta' San Tumas tistgħa tgħid li ma jieqaf qatt. Ninnutaw li hemm ħafna arbli ornamentali li ta spiss qed ikollom ħsarat ikawżati minn deterjorazzjoni tal-linji u anki *holders*.

Kif ukoll installazjoni ta' dawl ġdid f'toroq ġodda jew toroq li kien hemm nuqqas ta' dawl.

Hawn taħt hemm lista ta uħud mill-affarijiet li saru tull dan iz-zmien.

1. Din sena ikontribuxxejt fejn kont mitlub sabiex ikun installat is-servizz tal-Enemalta għal bini ġdid tal-kunsill.
2. Wara li tlesta ix-xogħol tal-bini tal-kunsill u fanali ta barra lestejna sistema ta' fanali għal-ġnien Sant'Anna kollhu.
3. Wara li tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-bankijiet ta' triq ix-xatt ħadt ħsieb sabiex irranġajna u għamilna titjib sostanzjali fil fanali l-baxxi ta mal-art.
4. Bdejna sistemma ta' titjib fejn jinqatgħu l-bozzoz ta' dawk ornamentali fil-qalba ta' Marsaskala qlibnijom min SON 70 għal dawk LED u żammejna l-istess fanali dekorativi.
5. Komplejna bil-manutenzjoni li jinkludi restawr u tranġar ta' iktar Fanali ornamentali fi Triq iż-Żonqor .
6. Bidilna ir-rifleturi ta' taht l-arkati ta' Triq is Salini u minflokkom waħħalna refletturi li jaħdmu b' LED's
7. Fit-toroq kollha fejn ikun hemm fanali tat- toroq li jkunu fi stat ħażin qedin inbidluhom u minflok inwaħlu LED.

7 Tajt sehmi sabiex jinġibu servizzi sabiex jitwaħlu cameras ta sigurta madwar il-BIS
8 Ħadt ħsieb sabiex fejn twaħlu l-cameras waħħalna rifletturi sabiex ikun hemm dawl adekwat.
9 Ikordinajt mal-kuntratturi ħabba dawl tal milied.
10 Kont parti min kumitat ta' kunsilliera fejn għamilna il-Christmass Village. Jien kont responsabli mid-dwal u enerġija li ntużat .
11 Ipparteċipajt ma ħafna laqgħat li saru mal periti ta IM li kienu qed jaħdmu fuq il-moll fi Triq San Gorg u Triq iż-Żonqor.
12 Bidilna ir-riffeturi kollha fuq is-simenta u waħħalna LED's min flokhom.
13 Laqgħat regolari ma kuntrattur tad-dwal tat toroq u mal-Enemalta.

Waħħalna dawn il-fanali ġodda f' dawn it-toroq :-

- 1 Bajja San Thumas.
- 1 Santa Tereza street.
- 1 La Sengle.
- 1 Frans Grech.
- 4 Dahla ta San Tumas
- 3 Wied iz-Ziju.

Dwar l-integrazzjoni soċjali saru xi kuntatti iżda ħabba l-pandemija ma tantx setgħa jsir xogħol f'dan ir-rigward. Issa ġie imwaqqaf sotto kumitat u qedin isiru laqgħat regolarment.

## Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli

Din l-aħħar sena, il-kunsill tħabad mhux ftit biex jiprova jipprovdi ambjent aħjar. Sfortunatament, minħabba d-demografija tal-lokal, il-Gvern irid jiprovdi ferm aktar għajnuna (mhux biss dik tanġibli), biex Wied il-Għajn ikun lokal denju fejn wieħed jgħix f' indafa u ordni. Għamilt li stajt, saħansittra tgħajt ideat ġodda u nnovattivi, kif nistgħu inkunu aħna li nimbuttaw kunċett t' aktar indafa, minkejja dan, xi min daqqiet, preferejna nkunu ta' *customercare* bejn il-kuntrattur u r-resident.

Imbuttajt ukoll proposti biex Wied il-Ghajn ikun wiehed modern fl-infrastruttura, izda modest fiz-zamma tat-tradizzjonijiet tieghu – anki jekk tkun semplici idea bhaz-zamma tal-kuluri tal-luzzu tradizzjonali Malti fit-telgha taz-Zonqor. Hdimt fuq pjan biex il-Gnien Dun Tarcis Agius jikber fil-qies, u tintuza Triq Santa Tereza, biex b' hekk, nutilizzaw b' mod aktar efficjenti it-toroq ezistenti, u jkunu estizi spazzji pubblici. Sfortunatament, burokrazijji fis-sistemi lokali u nazzjonali zammew milli dan il-progett jiehu l-hajja.
Irsistejt ukoll biex Triq La Sengle, Triq il-Knisja u partijiet minn Triq San Gwakkin ikunu pedonali, biex insebhu l-Urban Conservation Area tal-lokal, izda din ukoll, wehlet fil-process burokratiku taghna.
Min dejjem kienet ix-xewqa tieghi li Triq ix-Xatt tkun ukoll wahda moderna u vibranti, li tilqa' fiha l-hajja ta' Wied il-Ghajn. Minkejja li ghal diversi drabi ddiskutejna l-proposti li kellna quddiemna, b' xenarji varji, preferejna nhallu t-triq kif inhi biex b' hekk, ma jgerger hadd.
Pruvajt nerga' ndahhal infrastruttura ghall-uzu tar-roti mad-dawra tal-lokal, u lane pedonali biex intejbu l-mobilta' tar-residenti, minkejja dan, kien hemm xetticizmu li jsir dan, ghaldaqstant, id-diskussjoni ma' damitx biex tintemm.
Hdimt ukoll fuq ir-restawr tal-lanca, li tinstab abbandunata fid-dahla tal-lokal, qalb il-palp u haxix hazin. Kont proponejt li wara restawr estensiv, tingieb lejn il-parrocca fejn hemmhekk, fic-centru tal-lokal, ikollna monument mill-isbah li jissimbolizza l-bidu tal-lokal (l-aspett marittimu u dak religjuz) – minhabba li kienet ingiebet bil-bahar l-istatwa devota tra' Sant' Anna mill-bahar l-ewwel darba. Id-diskussjonijiet fuq progett bhal dan karkru xhur, b' laqghat u spezzjonijiet li ma waslu xejn ghar status cuo.
Fl-ahhar parti tal-messagg tieghi, nixtieq nawgura lill-kandidati kollha taz-zewg partiti, biex ikunu ta' sinsla u mhabba lejn il-lokal. Nawgura hidma sfieqa u j' Alla l-gid lejn ir-resident ma jkunx wiehed tas-social media u ritratti imma wiehed fis-silenzju u kotran.

## Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier il-Perit John Schembri

I have been asked to present my yearly administrative report for the year 2023.

Last year, as a Local Council Member, I continued to observe and act on the infrastructure of our seaside town as usual. My duties included mainly to report on any irregularities and damages throughout the place.

Last year saw the final stage of construction of the small breakwater at Triq San Gorg. I inspected the works regularly and found no major faults. The result is commendable and will surely serve everyone using it, very well.

Regarding other projects, though on a very small scale, were inspected by myself and since I noticed no negligence, I can report that everything was done as should be.

I also did visual inspections regularly of the new police station, from the outside (which is now open) and the new elevator, which although its progress is a bit slow, it will serve its purpose well once it is ready.

I conclude that we have done a lot of important work, all councillors and Mayor together. Of course, this work would not have been possible without the input of all employees of the Local Council and of most of the private contractors.

## Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud

Jiena bħala kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta` Marsaskala nħoss illi gwadanjajt esperjenza enormi fit-tmexxija ta` Gvern Lokali.

Nista ngħid illi is-Sindku fdali wieħed mill-aktar responsabilijiet interressanti. Dak tal-Kultura. Huwa stat ta` fatt illi peress li d-dinja inkluż pajjiżina għaddiet minn sfidi kbar waqt il-pandemija, wieħed ma setgħax jagħmel dak li jrid fejn tidħol il-kultura iżda fejn stajna għamilna ħilitna biex inkomplu għaddejjin bil-limitazzjonijiet tagħna.

Jiena dejjem involvejt ruħi f`diskusjonijiet mas-Sindku fejn jidħlu responsabilijiet tal-kultura u dejjem wasalna.

Niftakar li organizzajna Jum il-lokal f` Settembru li għadda, fejn konna iddeċidejna li nqassmu xi rikonoxximenti liċ-ċittadini skaliżi fil bini tal- kunsill il-ġdid. Dan sar biex inkunu ta kurraġġ għal nies li juru inizzjattiva u kif ukoll biex ikompli jwettqu ġid fil-lokal tagħna.

F`diċembru kellna l villaġġ tal-Milied li kien suċċess avolja peress li l-elementi tan-natura ma ppermettewx tħassar f`nofsu.

L-affarijiet mill-pandemija bdew ġejjin għall-aħjar u b`hekk stajna nibdew naħdmu fuq xi xogħol għall-gimgħa l-kbira. Fejn xtrajna xi affreski mingħand l artist Zammit Lewis.

Peress li jiena kont nagħmel parti mill-kumitat tas-soċjeta konna diġa qed naħsbu biex din is-sena terġa tiġi organizzata l-wirja tal-ġimgħa l-kbira taħt il-knisja. Dan dejjem bil-għajnuna tal-Kunsill tagħna.

Attendejt diversi *courses, seminars* u laqgħat li jiġu mtellgħa mil assoċazzjoni tal kunsilli lokali sabiex intejeb *in knowledge* tiegħi u biex b` hekk inkun nista ngħati kontribut ferm aħjar lil kunsill fejn nista.

Inharsu l-quddiem fejn tidħol il-kultura. Hemm il-ħsieb li jsir il-villaġġ tal-milied din is sena u hemm ukoll il-ħsieb li jerġgħa jsir il-Karnival tas-sajf.

Nirringrazzja mill-ġdid is-Sindku li jinvolvini f`dawn l-avvenimenti.

## Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar

F'dawn l-aħħar sitt xhur, il-ħidma tiegħi fil-lokalita' kienet aktar iffukata, f'viżti fid-djar tan-nies, partikolarment iz-zona tal-Batterija taż-Żonqor u ż-Żonqor, u dan minħabba l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali li ser tiġi fit-8 ta' Ġunju illi ġej.

In-nies fil-maġġoranza tagħhom huma sodisfatti u laqgħu b'mod pożittiv, il-fatt illi ittieħdu żewġ deċiżjonijiet importanti, dwar il-lokalita. Waħda li tolqot lill-lokalita' in ġenerali, u cioe li twaqqfu l-pjanijiet illi f'Marsaskala ssir Marina, kif ukol dik li kienet ser tolqot din iz-zona partikolari, u cioe li l-art ġewwa ż-Żonqor terġa tingħata lura, u ma jsirx il-proġett tal-Universita.

Madanakollu, l-iktar li jilmentaw in-nies huwa dwar il-ħmieġ, u n-nuqqas ta' tindif fiz-zona, kif ukoll l-iskema tal-ġbir ta' l-iskart. Kulħadd jgħidlek, illi fi żminijet oħra, meta l-ġbir kien kollu f'idejn il-kunsill, is-sistema kienet aħjar. Wieħed jifhem illi l-iskart irid jibda jiġi separat at source, u l-iskema minnha mfisha hija tajba, iżda naħseb mhux korrett, illi din illum ittieħdet mir-Reġjun, għaliex dan imur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjeta', għax kien messu jibqa' mħolli, kif u meta jaraha li hu l-aħjar għal-lokalita, il-Kunsill stess, kif skema bħal din tiġi amministrata.

**Konkluzzjoni**

Apparti minn dan ix-xogħol kollu msemmi hawn fuq żgur illi x-xogħol tas-Sindakat ma jiqafx hawn. Wieħed irid isemmi kuntatti ta` kuljum mar residenti, spezzjonijiet fuq xogħolijiet mil-ħaddiema tagħna laqgħat mal-Ministeri u tas-Sindki biex inkun nista nwassal l-andament tax-xogħol li jkun qed isir il-Kunsilliera sħabi waqt il-laqgħa ta` kull xahar tal-Kunsill.

Minkekja li x-xogħol tas-Sindakat ma hu faċli xejn u trid ħafna hin u dedikazzjoni nistqarr illi nieħu gost nagħmlu minn qalbi b`impenn u rispett lejn l-iskaliżi u raħalna. Nipprova dejjem inkun ta` servizz iżda wieħed irid jifhem li mhux dejjem tista taqdi lill kulħadd speċjalment meta nkunu rridu minn ħadd ieħor.